MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1674/2002

**Avviz Numru 1674/02 AJD**
**Carmel sive Charles Bianco f'ismu proprju u ghad-ditta C. Bianco Autodealer**

**vs**

**Robert Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u erbgha u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm844.56) rappresentanti import ta' disa' kambjali ta' Lm93.84 il-wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Lulju 2001 u Mejju 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u bl-imghax mid-data tal-maturita' ta' kull kambjala sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Malcolm Pace, in rappresentanza tal-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija u erbgha u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm844.56), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**